# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 34**

**Avviz numru 1697/98/SM**

**Villa Arrigo Limited.**

**vs**

**Lawrence Piscopo u Ann Louise sive Louise Piscopo kjamata in kwaza permezz ta' digriet tat-22 ta' Marzu, 1999.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-2 ta' Settembru ta' l-1998 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM300.00,0, tlett mitt lira Maltin, ammont dovut minnu bhala bilanc fuq il-prezz ta'**

**riceviment imhejji mis-socjeta' attrici fuq ordni tieghu stess u minkejja li gie interpellat biex ihallas kemm il-darba xorta baqa' inadempjenti;**

**2. Bl-imghax mid-data ta' l-ahhar pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' zewg ittri legali tat-8 u tal-20 ta' Mejju, 1998, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni tieghu;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-9 ta' Marzu ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (1) li tirrigwarda l-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut;**

**2. Illi fi kwalunkwe kaz il-gudizzju mhux integru peress li Louise Piscopo allura Mansweto u xebba, kellha tigi inkluza stante li tali ordni kienet saret ukoll minnha;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ohra fil-mertu dwar jekk tali ammont hux dovut;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi preliminarjament din il-qorti ser tindirizza l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut rigwardanti l-preskrizzjoni;**

**Illi l-konvenut issolleva din l-eccezzjoni u indika precizament l-artiklul 2148 (1) tal-Kap 16 liema artiklu ghandu mill-ewwel jinghad li ma jezistix;**

**Illi in oltre l-konvenut jirreferi ghall-merkanzija jew oggetti mibjugha bl-imnut;**

**Illi din il-qorti hi propensa ghalhekk tidentifika l-artikolu 2148 (b) ta' l-istess Kap u tirrileva li dan hu irrilevanti ghall-vertenza in dizamina;**

**Ghaldaqstant tichad l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi fil-meritu, l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici f'din il-kawza huwa ammont dovut mill-konvenut u mill-kjamata in kawza li baqghet kontumaci ghall-riceviment ta' tieg fornit mill-imsemmija socjeta' fuq ordni tal-konvenut u tal-kjamata in kawza;**

2. **Illi l-ammont hekk indikat huwa skond l-"invoices" mibghuta u l-bilanc hawn rikjamat ghadu dovut;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi din il-qorti hi sodisfatta li l-ammont rikjamat mis-socjeta' attrici huwa dovut ai termini ta' l-avviz in dizamina u konsegwentement din il-qorti filwaqt li tichad it-talbiet tal-konvenut kif assorbiti wkoll mill-kjamat in kawza, tilqa' t-talbiet attrici u tordna lil Lawrence Piscopo u lil Ann Louise sive Louise Piscopo ihallsu l-ammont ta' tlett mitt Lira Maltin (LM300.00,0) lis-socjeta' attrici, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**